– KAWZA GHAR-RIMBORS TA' SPEJJEZ 'EXTRA' MAGHMULA F'KAWZA OHRA –
– PRESKRIZZJONI SKOND L-ART. 2149(C) TAL-KODICI CIVILI –
– ART. 2158 TAL-KODICI CIVILI –
– SPEJJEZ EXTRA GUDIZZJARJI –
– REKWIZITI GHAS-SUCCESS TA' KAWZA BHAL DIN –
– ONERU TAL-PROVA –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 1 ta' Novembru, 2021**

Avviz tat-Talba numru: **545/2018**

**NORBERT CARUANA** [K.I. NRU. 288968M], **MICHAEL PACE GASAN** [K.I. NRU. 380668M]**, MICHELINA PACE GASAN** [K.I. NRU. 251669M]**, CHARLES CAMILLERI** [K.I. NRU. 774648M] U **TERESA CAMILLERI**[1]

***VERSUS***

**KURATURI DEPUTATI SABIEX JIRRAPPREZENTAW LILL-ASSENTI JOSEPH BUSUTTIL U MARIA BUSUTTIL U PERMEZZ TA' ATT GUDIZZJARJU TAL-15 TA' APRIL, 2019, SEAN BUSUTTIL** [K.I. NRU.54005L]**, ASSUMA L-ATTI**[2] **BHALA RAPPREZENTANT TAL-KONVENUTI, ASSENTI MINN DAWN IL-GZEJJER, JOSEPH BUSUTTIL U MARIA BUSUTTIL**

B'Avviz tat-Talba introdott fl-20 ta' Novembru, 2018, l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati ghall-hlas tas-somma ta' elf, mija u wiehed u ghoxrin ewro (€1,121.00c) u dan wara li ppremettew hekk:

> Jghidu ghalfejn [il-konvenuti] ma ghandhomx jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf, mija u wiehed u ghoxrin ewro (€1,121.00c) rapprezentanti spejjez mhallsa mill-atturi fil-kawza 482/2014/JPG, ceduta fil-21 ta' Novembru, 2016. Qieghed jigi anness u mmarkat 'Dok: A' il-kont tal-Perit Philip Mifsud datat 21 ta' Dicembru, 2016.

[1] In-numru tal-karta ta' l-identità ta' Teresa Camilleri thalla barra fl-atti ta' din il-kawza.
[2] F'dan is-sens ara r-Risposta tal-15 ta' April, 2019 (*a foll.* 28 *et seqq*) u l-verbal ta' l-udjenza tat-30 ta' April, 2019 (*a fol.* 31).

B'Risposta intavolata fil-15 ta' April, 2019, Sean Busuttil, f'kwalità rapprezentattiva, ghan-nom tal-konvenuti Joseph u Maria konjugi Busuttil (assenti minn Malta), qanqal is-segwenti eccezzjonijiet:

1. It-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili ta' Malta;

2. Illi wkoll dawn l-ispejjez m'humiex rekuperabbli fil-konfront ta' l-esponenti;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Wara li l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2020 (*a fol*. 98), it-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-atti processwali u tas-sottomissjonijiet orali mwettqa mid-difensuri tal-kontendenti (*a foll*. 100 *et seqq*) u fl-udjenza successiva, dik ta' l-4 ta' Frar, 2021 (*a fol*. 99), il-procediment thalla ghas-sentenza, illi qed tinghata lum.

It-Tribunal jikkunsidra;

Jaqa' bi dmir li wiehed jaghti sunt tal-grajja fattwali kif tohrog mill-provi mressqa. Din tista' tigi spjegata hekk kif gej.

Din hi kawza sabiex jigu rkuprati certu spejjez 'extra' li kienu ghamlu l-prezenti atturi fi proceduri gudizzjarji quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li fihom huma kienu parti mharrka u l-prezenti konvenuti kienu l-parti attrici. Tali spejjez jirrapprezentaw onorarju tal-perit arkitett minnhom imqabbad *ex parte* ghas-servizzi professjonali minnu rezi lill-istess atturi (hemmhekk konvenuti) hekk kif indikat fil-kont relattiv anness ma' l-atti promoturi ta' din il-vertenza, li t-total tieghu huwa l-ammont li qed jigi domandat f'din il-kawza.[3] B'dawn il-proceduri, l-atturi jridu r-rimbors ta' tali spejjez 'extra' da parti tal-konvenuti (atturi fil-proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili), peress illi l-imsemmija ispejjez gew, skond il-prezenti atturi, inkorsi minhabba l-ghemil tal-prezenti konvenuti (atturi fil-proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili).

Brevement epilogati tali fatti, wiehed issa jghaddi biex iqis il-materja ta' preskrizzjoni mqanqla mill-konvenuti fl-ewwel eccezzjoni taghhom.

Skond l-Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, nonostanti li, "*it-Tribunal għandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-*

[3] Ara *a fol*. 3 u anke *a fol*. 79.

*ekwità*", hu previst b'mod espress illi, "*f'kull każ, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi*." Issa, skond l-Art. 730 tal-Kodici ta' Procedura Civili, "*L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu*." Ghalhekk, huwa doveruz illi l-ewwel u qabel kollox dan it-Tribunal jinvesti fl-eccepita eccezzjoni tal-preskrizzjoni fl-ewwel parti (kap) tal-prezenti sentenza. Sussegwentement – naturalment dejjem dipendenti mill-ezitu tal-kunsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggunta dwar tali aspett tal-procediment – wiehed imbaghad idawwar harstu lejn il-mertu tal-kwistjoni.

Il-kovenut jikkontendi li l-istanza attrici hi milquta minn dak it-terminu preskrittiv (estintiv) kontemplat fil-paragrafu (c) ta' l-Art. 2149 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid illi, "*l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu*" jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn. Ma' tali disposizzjoni, il-konvenut jabbina dak kontemplat fl-Art. 2158 tal-Kodici Civili li jaqra hekk: "*Il-preskrizzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 2147 sa l-2157, jistgħu wkoll jiġu eċċepiti kontra dak li jkun ħallas għad-debitur, minbarra minn meta l-ħlas ikun sar fuq talba tad-debitur innifsu, jew bi ftehim mad-debitur innifsu, jew meta dak li ħallas kien, bħala garanti, jew bħala debitur in solidum, jew għal skopijiet oħra, jew għal raġunijiet oħra, obbligat iħallas*."

F'dan l-istadju tal-procediment, dan it-Tribunal hu kjamat, bi dmir, jezamina u jiggudika dwar l-indoli tal-legam guridiku li jghaqqad lill-litigandi u dan biex wiehed jara jekk l-eccepita preskrizzjoni hijiex applikabbli. Minn tali definizzjoni, il-kunsiderazzjonijiet accesorji sussegwenti mbaghad isegwu perkors naturali hekk kif ser jintwera minn hawn u ftit iehor.

Hawn isir accenn ghal dak li ntqal *in re* **Vincent Buttigieg v. Qala St. Joseph Football Club** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Supejuri, 14 ta' Dicembru, 2007) u cioè illi, "*il-konvenut li jecepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li l-preskrizzjoni eccepieta hi dik li tapplika ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv. Dan stabbilit, sta ghall-attur kreditur li jghazel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li tghatih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizjorju*." Ghalhekk, sta ghall-konvenut li jipprova li l-preskrizzjoni minnu sollevata – sabiex jinnewtralizza l-azzjoni promossa kontrih – hi

effettivament dik applikabbli ghall-kaz *de quo*. Fi kliem iehor, u fil-konkret ghall-kaz in dizamina, l-oneru probatorju li n-*negotium* li ghadda bejn l-atturi u l-konvenuti jikkwalifikax fil-parametri ta' l-Art. 2149(c) tal-Kodici Civili. Huwa l-konvenut li jrid jissodisfa dan l-oneru sabiex jiskarika l-istess minn fuqu u, *ergo*, "jirbah" l-eccezzjoni minnu mqanqla u dan ghax f'certi kazijiet il-konvenut bl-eccezzjoni tieghu stess jirrivesti l-libsa ta' 'attur' in forza tal-principju "*reus excipiendo fit actor*" bl-obbligu li jipprova dak li jkun eccepixxa.[4]

Apparti dan, illum-il gurnata l-konvenut irid jissodisfa ingredjent iehor meta jeccepixxi certu preskrizzjonijiet, ossia hemm rekwizit iehor li jrid jigi skarikat mil-istess konvenut. Dan ir-rekwizit jinsab previst fl-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili li jghid hekk: "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa*." Tali disposizzjoni giet emendata permezz ta' l-Att I ta' l-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017 u l-emenda relattiva hi krucjali. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibiltà fejn l-attur jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut. Infatti, qabel l-istess disposizzjoni kienet tghid li, "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa*". Bl-emenda li saret bl-Att I ta' l-2017 il-legislatur nehhal l-*onus* minn fuq il-parti attrici u impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament *di sua sponte*. Fin-nuqqas li jaghmel hekk, il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet il-qosra msemmija fl-Art. 2160(1). Ghalhekk, filwaqt illi qabel kien l-attur li kellu jsejjah lill-konvenut u lilu jiddifferlu l-gurament decizjorju, illum-il gurnata tali l-oneru jinsab fuq il-parti konvenuta li bil-gurament taghha tistqar li mhux debitrici jew li m'ghandhiex rikollezzjoni tal-hlas.[5]

---

[4] F'dan is-sens, fost diversi u bosta, ara *in re* **John Baptist Zammit noe v. Joseph Vella noe** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Supejuri, 23 ta' Mejju, 2008).

[5] F'dan is-sens ara *in re* **Bottega del Marmista Ltd v. Paul Mifsud et** (Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2018) u d-decizjoni *in re* **Automated Revenue Management Limited pro et noe v. Topcar Limited** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 17 ta' Jannar, 2018) li fiha inghad hekk: "*Il-liġi għalhekk daret ċirku tond ghal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; ghaliex ix-xelta ghall-ghoti tal-gurament* [...] *tnehhiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa l-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ghandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunità jressaq il-provi dwar l-ezistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-gurament baqa' deciżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippregudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jaghżel li jifruwixxi ruhu mill-gurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Bir-rispett kollu lejn il-Leġislatur, kien ikun hafna ahjar li kieku l-gurament deciżorju baqa' jigi deferit lid-debitur a xelta tal-kreditur, kif kienet il-ligi originarjament u ghal sekli shah*."

Debitament skarikati dawn l-oneri, kollox jerga' joxxilla fuq l-atturi sabiex dawn, da parti taghhom, jipprovaw jew li t-terminu preskrittiv mhux applikabbli jew li l-istess gie sospiz, jew li dan gie interrott jew alternittivament li d-debitur b'xi fatt, espress jew tacitu, ammetta l-kreditu.

Izda f'dan l-istadju, qabel ma t-Tribunal jintrattjeni studju biex jara jekk il-preskrizzjoni skond l-Art. 2149(c) tal-Kodici Civili hijiex applikabbli u jekk tistax tigi akkolta jew le, wiehed irid necessarjament jara jekk f'dan il-kaz il-konvenut mexiex konformement ma' dak specifikat fl-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili, ossia jekk waqt dawn il-proceduri, minn rajh u bil-gurament, il-konvenut stqarrx li m'huwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa.

Fil-prezenti kaz Sean Busuttil, fil-kapacità rapprezentattiva tieghu kif fuq imfisser, xehed minn jeddu u qal, fost hwejjeg ohra, illi: «*Jiena milli naf jiena li kelli nhallas hallastu u ma ghandix naghti iktar.*» (*a fol*. 36).[6] Akkompanjat ma' tali affermazzjoni bil-gurament, it-Tribunal ha wkoll qies tax-xhieda ta' l-istess Sean Busuttil, matul il-perkors tal-procediment, fejn kompla jinnega li kien hemm xi ammont pendenti.[7]

Ghat-Tribunal xhieda bhal din hi bizzejjed biex tissodisfa dak mehtieg skond ic-citat Art. 2160(1), avut rigward ghal dak li jinsab deciz mill-qrati taghna u cioè li, kif jirrizulta car anke mill-principju "ubi lex voluit dixit", min jeccepixxi l-preskrizzjoni m'ghandux ghalfejn jaghti raguni ghalfejn huwa jikkunsidra li m'huwiex debitur, dejjem salv dawk il-kazijiet fejn il-Ligi tippreskrivi diversament.

It-Tribunal jghaddi issa ghal ezami tal-preskrizzjoni eccepita skond ic-citat Art. 2149(c) u l-validità taghha fil-qafas ta' dan il-kaz.

L-ewwel kwestjoni li tipprospetta ruhha f'dan ir-rigward huwa l-punt tal-preskrizzjoni kontemplata fl-Art. 2149(c) tal-Kodici Civili, li, kif diga' rajna *supra*, tolqot "*l-azzjonijiet ta' avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu*". Ta' min jissenjala illi l-kliem generici fl-ahhar parti tad-disposizzjoni gew imwessgha biex jinkludu kategoriji ohra ta' professjonijiet u ta' persuni li ghandhom vokazzjonijiet partikolari. Ad ezempju, l-awdituri, kif attestat fis-sentenza *in re* **Stuart G. Craig et noe v. George Mifsud**

---

[6] *vide* udjenza tal-11 ta' Lulju, 2019.
[7] *vide* xhieda tieghu fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru, 2019 (*a fol*. 81 *et seqq*) u tas-17 ta' Frar, 2020 (*a fol*. 89 *et seqq*).

**noe** (Appell Civili, 27 ta' Marzu, 1998), fejn, incidentalemnt ukoll, giet diskussa l-preskrizzjoni a tenur ta' l-Art. 2149(c).

Huwa kanoni guridiku, specjalment in tema ta' preskrizzjoni, illi l-kliem tal-ligi m'ghandhomx jigu interpretati estensivament. Tali precett legali hu ben konkordi f'gurisprudenza maghrufa bhal dik, fost ohrajn, *in re* **Paolo Lanfranco v. Francesco Calleja** (Prim'Awla, 25 ta' Novembru, 1921). Hu però ovvju illi kull kaz irid jigi konsiderat fil-fattispeci partikolari tieghu in bazi ghall-volontà tal-kontendenti kif emergenti mir-rizultanzi processwali tal-kaz. Tinsorgi hawnhekk, ghalhekk, id-domanda jekk f'dan il-kaz partikolari x-xorta ta' servizzipprestat kienx tali li jattira lejh il-karattru disposittiv tal-preskrizzjoni in kwantu ghat-tipicità tieghu skond it-termini tac-citat Art. 2149(c).

Huwa pacifiku, qabel xejn, illi jigi puntwalizzat li l-oggett tal-preskrizzjoni huma d-drittijiet soggettivi sostanzjali. Dan huwa hekk logiku minn dak dispost fit-tieni subinciz ta' l-Art. 2107 tal-Kodici Civili liema artikolu jfisser il-preskrizzjoni bhala mezz liberatorju biex wiehed jehles minn azzjoni fejn il-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi. Zmien li bhala regola generali u b'disposizzjoni ohra espressa l-ligi tqisu li jibda' jiddekorri mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss (*ex* Art. 2137 tal-Kodici Civili).[8] L-impossibilità li wiehed jagixxi trid tkun wahda ndipendenti mill-volontà tieghu dovuta ghal kawza estranea li ma setax jirrimuovi (*vide* decizjoni f'*Kollez*. **Vol.XLIX-I-500**).

Issa minn ezami interpretattiv tal-predett provvediment tal-ligi [*ex* Art. 2149(c) tal-Kodici Civili], hi l-fehma ta' dan it-Tribunal illi l-istess disposizzjoni tabbraccja, thaddan u tirreferi ghal kasta specifika ta' individwi li jezercitaw professjoni jew arti liberali ohra (ossia espressjoni illi tikkomprendi dawk il-professjonijiet liberi li fl-attività taghhom jipprestaw opra intellettwali jew kreattiva, ossija l-impjieg ta' intelligenza jew ta' kultura specifika f'kamp partikolari, bi prevalenza fuq l-uzu ta' xi xoghol manwali). Kontrattazzjoni ta' din l-ispeci certament tinvolvi obbligazzjoni mill-prestatur li jaghti rizultat bil-konsenja ta' *opus* jew servizz specifiku. Ta' din ix-xehta huma l-ipotesijiet kollha kkontemplati fl-Art. 2149 fejn ghandek il-prevalenza tal-*locatio d'operis* kif definiti fl-Art. 1623 tal-Kodici Civili. Hekk b'illustrazzjoni jinsab ritenut illi din id-disposizzjoni partikolari (Art. 2149) tirreferi ghall-kredituri ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulatur u li aktar minn opra jipprestaw *opus*

[8] Dwar dan, ara l-kuncett ta' 'actio nata' espost fis-sentenzi ta' dan it-Tribunal *in re* **Mario Farrugia v. Jonathan Pellegrini** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 31 ta' Ottubru, 2019), *in re* **Untours Insurance Agents Limited v. Muriel Micallef et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 31 ta' Ottubru, 2019) u *in re* **Gabriel Zammit v. Rabelink International Freight (Malta) Ltd** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Novembru, 2020).

jew servizz. Ara, b'ezempju u fost ohrajn, is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta' l-4 ta' Marzu, 1958 *in re* **Domenico Bezzina pro et noe v. John Said**.[9]

Fil-kaz taghna, m'ghandniex professjonist li qed jippretendi, minghand l-avversarju konvenut, il-hlas ta' drittijiet u/jew ir-rimbors ta' xi spejjez li hu wettaq ghalih (tali rabta, *se mai*, tidher illi tabbraccja lill-istess professjonist ma' l-atturi li inizjalment inkarigawh). Hawnhekk izda ghandna xenarju fejn l-imsemmi professjonist wettaq prestazzjoni professjonali a beneficcju ta' l-atturi u dawn ta' l-ahhar jinsabu issa jezigu li jigu indenizzati minghand il-konvenuti (konjugi Busuttil) ghal dak li l-istess atturi hallsu lill-professjonist. M'ghandniex sitwazzjoni, hawnhekk, fejn il-klijent tal-professjonist qed jinvoka kontra l-istess professjonist iz-zmien estintiv imfisser fl-Art. 2149(c), izda ghandna lill-imsemmija konvenuti – tramite r-rapprezentant taghhom, binhom Sean Busuttil – illi qed jippretendu li kwalsiasi rimbors minghandhom domandat minn min hallas lill-professjonist huwa ormai preskritt (u estint) skond ic-citata disposizzjoni tal-Ligi.

Definiti l-fattezzi tal-kontiza u l-parametri fattwali tal-pretiza, jidher ghal dan it-Tribunal illi l-preskrizzjoni li giet imqanqla mill-parti mharrka m'hijiex applikabbli. Dan qed jinghad peress li l-Art. 2149 tal-Kodici Civili, *in primis*, jiprospetta azzjoni esperita mill-professjonist *qua* kreditur kontra l-klijent *qua* debitur. Dan hu sewwasew dezunt minn dik il-parti ta' l-indikata disposizzjoni li tghid illi "*l-azzjonijiet*" ta' l-arkitteti "*għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu ... jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn*". Minn tali artikolazzjoni, jidher naturali illi l-istanza ghall-kumpens (i.e., l-azzjoni) tispetta lil dak il-professjonist li jistenna li jithallas l-onorarju (i.e., id-drittijiet) tieghu ghas-servizzi rezi jew fejn l-istess professjonist jezigi li jigi indennizzat ghall-izborsamenti (i.e., l-ispejjez) li jkun wettaq ghall-klijent debitur. Kif sew sottomess mid-difensur ta' l-atturi fit-trattazzjoni bil-fomm, l-azzjoni odjerna mhux imressqa mill-professjonist u, allura, il-parti mharrka f'dawn il-proceduri ma tistax tikkwalifika bhala klijent tieghu. Mela allura jidher illi l-konvenuti Busuttil ma jistghux jinvokaw tali preskrizzjoni partikolari peress li m'ghandhom l-ebda legam dirett mal-professjonist arkitett f'dan il-kaz.

---

[9] Ferm interessanti hija s-sentenza *in re* **John R. Portelli vs. C. Fino & Sons Limited** (Appell Superjuri, 7 ta' Ottubru, 1997; riportata f'*Kollez.* Vol. LXXXI–II–766) illi wessat id-definizzjoni ta' "professjoni" u affermat hekk: "*Illi llum professjoni mhijiex ristretta ghall-periti, tobba u avukati, izda l-lista kull ma tmur tikber u tirriferi f'dan il-kuntest ghal kull vokazzjoni jew sejha abbinata mà kors ta' studju, bhal per ezempju gurnalista, graphic designer, fotografu, film producer,* […] *advertiser, interior decorator ecc.,* […] *li kollha ma tistax taghmilhom minghajr il-kwalifiki necessarji (b'mod aktar generali mbaghad, professjoni tirreferi ghal kull min jahdem ghall-ghixien tieghu jew ghall-flus bhal per ezempju footballer, boxer, regettier, ecc.,* […] *u anke f'din il-kategorija tidhol il-mara tad-dar).*"

Imma f'tentattiv li l-parti mharrka tarresta l-istanza attrici u biex jaghmlu c-citat Art. 2149(c) applikabbli ghall-kaz, huma jinvokaw l-applikabilità ta' l-Art. 2158 tal-Kodici Civili. Tali disposizzjoni tghid hekk: "*Il-preskrizzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 2147 sa l-2157, jistgħu wkoll jiġu eċċepiti kontra dak li jkun ħallas għad-debitur, minbarra minn meta l-ħlas ikun sar fuq talba tad-debitur innifsu, jew bi ftehim mad-debitur innifsu, jew meta dak li ħallas kien, bħala garanti, jew bħala debitur in solidum, jew għal skopijiet oħra, jew għal raġunijiet oħra, obbligat iħallas.*" Minn qari ta' tali disposizzjoni, jidher illi r-relazzjoni hawnhekk tabbraccja tlieta min-nies, cioè lill-kreditur principali (illi jithallas), id-debitur (li jhallas lill-imsemmi kreditur) u t-terz li jigi azzjonat mid-debitur (li hallas) sabiex il-hlas imwettaq fil-konfront tal-kreditur jigi lilu indennizzat/rimborsat, *in toto* jew *in parte*.

Madanakollu, kif iqisha dan it-Tribunal, l-estremi tal-Art 2158 ma jezistux fis-sitwazzjoni prospettata f'dan il-kaz. Anzi, it-Tribunal ikollu jistqarr li l-konvenuti, f'tentattiv li jwaqqghu l-azzjoni promossa kontrihom, qed iwettqu kontorsjoni tal-portata ta' l-Art 2158 u jattribwulu interpretazzjoni li f'dan il-kaz ma tistax tinghatalu. Addirittura, bl-invokazzjoni ta' l-Art. 2158 il-konvenuti donnhom li qed implicitament jgharfu li huma kienu xi darba debituri di fronti ghall-perit arkitett *ex parte* jew li ghadhom ko-debituri flimkien ma' l-atturi di fronti ghall-istess perit arkittett. Minn qari akkurat ta' l-imsemmi Artikolu tal-Kodici Civili, jirrizulta illi dan japplika meta wiehed ikun hallas ghall-persuna ohra u illi f'tali kaz, japplikaw ghalih ir-regoli tal-preskrizzjoni.

Ingredjent essenzjali ta' l-Art. 2158 huwa, bazikament, li xi hadd ihallas lil terzi, *in toto* jew *in parte*, ghal haddiehor. Fit-test Ingliz tal-Kodici Civili, din id-disposizzjoni taqra hekk: "*The* ***<u>prescriptions established in articles 2147 to 2157 maybe set up even against the party who has paid for the debtor</u>****, unless the payment was made on the demand or with the concurrence of the debtor himself, or unless the payor was, as surety, or as a jointand several debtor, or for any other cause, bound to pay*." [enfazi mizjuda]. Tali test Ingliz jghin fl-interpretazzjoni u fl-ewwel parti tieghu jaghmilha alkwantu palezi illi certu preskrizzjonijiet, skond dan l-Artikolu, jistghu jigu mqanqla u sollevati (mill-konvenuti ta' dan il-kaz) kontra dik il-parti (il-parti attrici f'dan il-kaz) li hallset ghan-nom tad- jew minflok id-debitur (il-parti konvenuta f'dan il-kaz), basta ma jikkonkorrux dawk it-tlett sitwazzjonijiet eccezzjonali specifikati fl-ahhar tac-citata disposizzjoni (i.e., jekk il-hlas ikun sar fuq talba tad-debitur; jekk il-hlas sar bi ftehim mad-debitur inniffsu; jew jekk dak li hallas, bhala debitur *in solidum*, kien obbligat ihallas). F'dan ir-rigward issir referenza ghad-decizjoni *in re* **Saviour sive Aldo Portelli v. Frederick Cauchi Inglott** (Appell Inferjuri, 22 ta' Gunju, 2005) li sostniet tghid li dan "*Iffisser illi ghalkemm min ihallas ghal haddiehor bhala ko-obbligat jigi surrogat fid-drittijiet u*

*azzjonijiet tal-kreditur principali dan ma jfisserx illi kontra tieghu tista' tigi opposta l-istess preskrizzjoni li kienet tkun tista' tigi opposta lill-kreditur.*" L-elokwenza espressa f'dan il-bran tal-kwotata decizjoni ma tistax tigi superata minn dan it-Tribunal u l-istess hi sufficjenti biex turi l-inapplikabilità ta' l-Art. 2158 f'din il-kawza.

Minn tali prospettiva, l-invokazzjoni ta' l-Art. 2158 ma tantx tmur sew ma' l-Art. 2160(1) imfisser aktar qabel. Filwaqt li l-Art. 2160(1) irid li min jissolleva certa preskrizzjonijiet qosra jghid li m'huwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk sehhx hlas, l-Art. 2158 jikkontempla xenarju li min jeccepiha implicitament qed jgharaf li huwa kien debitur, izda li lahaq ghadda z-zmien. Ghalhekk, iz-zewg sitwazzjonijiet ma jmorrux ma' xulxin ghax mentri wahda (*ex* Art. 2160) tippresupponi negazzjoni assoluta ta' l-ezistenza tad-dejn pretiz, l-ohra (*ex* Art. 2158) intrinsikament tirrikonoxxieh izda – dejjem salv certu sitwazzjonijiet eccezzjonali – tikkontendi li ghadda z-zmien minn fuqu.

Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal jghaddi s-segwenti osservazzjoni *obiter*. Jidher li hawnhekk fil-Ligi hemm anomalija u diskordja legislattiva fis-sens illi l-jedd moghti taht l-Art. 2160 huwa newtralizzat b'applikazzjoni ta' l-Art. 2158. Donnu li fl-emendi li sehhew lill-Art. 2160 fis-sena 2017 (kif imfisser aktar kmieni), l-Art. 2158 ma inghatax tant attenzjoni u peress li thalla fl-istess qaghda originali tieghu mid-data tal-promulgazzjoni tal-Kodici Civili, l-import tieghu, meta jigi invokat, iggib fix-xejn il-mekkanizmu novell komminat fl-Art. 2160 kif emendat. Madanakollu, is-sitwazzjoni hija dik li hi u dan it-Tribunal ikollu japplika l-Ligi kif isibha u ma jistax jaghmilha ta' legislatur hu stess jew japplika volontà legislattiva ohra diversa jew, altrimenti, ma japplikax Ligi li jaf jikkunsidra erronja.[10]

---

[10] Mill-ottika tad-duttrina legali, skond l-awtur **François Laurent** ("Principii di Diritto Civile" Vol. I, Milano 1889; §30, pp.51–52), "*dal momento che le forme costituzionali sono state osservate, la legge esiste e il giudice è tenuto ad applicarla. La legge è l'espressione della sovranitá nazionale; come tale, essa obbliga i tribunali al pari de' privati. Quando si dice che il giudice è legato dalla legge, s'intende ch'esso non ha il diritto di sottometterla ad un controllo, che non gli è permesso d'esaminare se essa è in armonia con i principii del giusto o dell'ingiusto che Iddio ha scolpiti nella nostra coscienza. Di certo il legislatore deve usar diligenza perchè le leggi ch'esso emana non violino la giustizia eterna. Se egli facesse una legge ingiusta, questa mancherebbe d'autoritá morale; ma ciò non dispenserebbe il giudice dal doverla applicare. Se il giudice potesse giudicare la legge, se esso potesse rifiutarsi di farne l'applicazione, la legge non sarebbe piú quel che essa deve essere, una regola obbligatoria per la societá tutta intiera; non vi sarebbe piú legge*." L-imsemmi awtur jislet mill-Qorti ta' Kassazzjoni Franciza (sentenza tal-25 ta' Mejju, 1814) fejn fiha jinghad illi, "*Non appartiene punto ai tribunali di giudicare la legge, essi debbono applicarla tale qual'è, senza che loro sia giammai permesso di modificarla o di restringerla per nessuna considerazione, imperiosa che sia*." (*ibid*. p.52). Osservazzjonijiet simili huma mhaddna fis-sentenza *in re* **Neg. John Coleiro ne v. Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne et** (Prim'Awla, 22 ta' Gunju, 1957) fejn inghad illi, "*Il giudice deve applicare la disposizione quand'anche gli sembrasse ingiusta. "Dura sed lex". Il giudice è istituito per giudicare secondo la legge. Permettere al giudice di non applicare la legge quando la trova iniqua sarebbe sostituirla colla coscienza del giudice e sostituire l'arbitrio di lui alla volontá del legislatore (persone I, §236).*" Fl-istess decizjoni hemm citat b'approvazzjoni l-awtur **Foramiti**, li jsostni, *inter alia*, illi, "*i sudditi hanno l'obbligo*

Ghalhekk, spjanat dan it-terren u diskussi l-indikati aspetti, it-Tribunal qed jichaq l-eccezzjoni abbazi tal-paragrafu (c) ta' l-Art. 2149 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) invokata mill-konvenuti.

Skartata tali materja preliminari, it-Tribunal idawwar harstu lejn il-mertu tal-prezenti vicenda.

Kif rajna aktar kmieni, f'din il-vicenda l-atturi jezigu li jigu indennizzati ghal xi spejjez 'extra' minnhom inkorsi in difeza tal-posizzjoni taghhom fi proceduri gudizzjarji ohrajn quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi fihom kienu l-parti mharrka u li eventwalment gew rinunzjati mill-atturi f'dawk il-proceduri, hawnhekk konvenuti. L-atturi jikkontendu li kellhom jidhlu f'certu spejjez sabiex jilqghu ghal dak pretiz u domandat mill-konvenuti fil-proceduri gudizzjarji l-ohra u li minhabba l-fatt li dak il-procediment twaqqaf hesrem (i.e., gie cedut), huma jippretendu li tali spejjez 'extra' minnhom maghmula jigu lilhom ikkumpensati mill-prezenti konvenuti.

Ikun jixraq li jsehh is-segwenti epilogu kronologiku ta' l-eventi fattwali:

**(i)** Fit-3 ta' Gunju, 2014[11] infethet il-kawza fl-ismijiet "Anthony Camilleri noe v. Michael Pace Gasan et", bir-referenza numru 482/2014/JPG. L-atturi fiha kienu l-konjugi Busuttil (hawnhekk konvenuti) u l-konvenuti fihom kienu l-prezenti atturi, illi ghaliha wiegbu b'risposta guramentata fit-30 ta' Gunju, 2014;

**(ii)** Il-mertu ta' tali proceduri quddiem il-qrati superjuri kien, in succint, dwar id-delimitazzjoni tal-konfini ta' porzjonijiet ta' art, ir-ripristinu ta' xi kostruzzjonijiet allegatment imwettqa abbuzivament u ghad-danni hekk kif ahjar muri fil-kopja ezibita tar-rikors guramentat tal-kawza sucitata;[12]

---

*di soffrire gli inconvenienti che possono risultare da alcune leggi ingiuste, piuttosto che esporre alla ribellazione lo stato ad essere rovesciato (Enciclopedia Legale, Vol. III, voce "Leggi", pag.238, col.2a).*" Inoltre, "*appartenendo al potere giudiziario la sola applicazione delle leggi ai casi speciali che formano oggetto delle controversie, non è di sua competenza di incaricarsi delle conseguenze che ne derivano da siffatte applicazioni.*" (**Gollcher v. Ostmann**, Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Marzu, 1866).

[11] Ara kopja tar-rikors guramentat *a fol*. 12 li jindika d-data tat-'3 ta' Gunju, 2014' u mhux '13 ta' Gunju, 2014' kif erronjament maghdud fl-affidavit ta' Norbert Caruana (ara *a fol*. 39).

[12] Ara kopja tar-rikors guramentat *a foll*. 12–15.

**(iii)** Qalb il-provi li lahqu tressqu mill-parti mharrka f'dawk il-proceduri kien hemm il-perit A.I.C. Philip Mifsud li kien xehed fihom u ezibixxa xi dokumenti;[13]

**(iv)** Il-kawza fl-ismijiet "Anthony Camilleri noe v. Michael Pace Gasan et" giet 'ceduta' darbtejn[14] – darba fir-registru b'nota datata 15 ta' Novembru, 2016[15] u successivament f'udjenza tal-qorti datata 21 ta' Novembru, 2016[16] u in konnessjoni maghha inharget taxxa ufficjali fis-17 ta' Frar, 2017;[17]

**(v)** Jidher illi l-konvenuti f'dawk il-proceduri, l-ewwel intavolaw ittra ufficjali sabiex jaghmlu t-titolu ezekuttiv (taxxa ufficjali) ezegwibbli skond l-Art. 256(2) tal-Kodici ta' Procedura Civili u successivament intavolaw sekwestru[18] sabiex jirriskwotu l-ispejjez gudizzjarji ghalihom pertinenti skond l-imsemmija taxxa ufficjali. L-ammont ta' l-ispejjez gudizzjarji relattivi kien f'total ta' €1,354.55c hekk kif jirrizulta mill-mandat ta' sekwestru relattiv;[19]

**(vi)** Jidher illi l-ammont ta' €1,354.55c thallas u inhareg l-appozitu kontro-mandat fl-14 ta' Novembru, 2017;[20]

---

[13] Ara affidavit ta' l-imsemmi perit *a fol*. 51.

[14] Ta' interess partikolari hija s-sentenza preliminari *in re* **Tasika Auto Limited v. Jason Mizzi** (Prim'Awla, 16 ta' Ottubru, 2003) li fiha, wara li l-Qorti ppostulat dan il-kwezit: "*wieħed irid jiddetermina jekk it-tressiq tan-Nota (ta' ċessjoni) fir-Reġistru iġġibx il-waqfien tal-kawża minnufih mal-preżentata, jew jekk il-waqfien tal-kawża jseħħx meta l-Qorti tiddikjara li qegħda tieqaf milli tisma' l-kawża wara l-qari quddiemha tan-Nota*" iddecidiet hekk: "*huwa minnu li n-Nota ta' Ċessjoni tista' titqies bħala att irriversibbli, imma ma jsirx b'daqshekk l-att li jtemm l-azzjoni, bħalma l-att ta' ammissjoni tal-parti mħarrka ma jtemmx il-kawża. Il-Qorti hija tal-fehma li l-waqt effettiv taċ-ċessjoni tal-kawża huwa meta l-Qorti tippronunċjaha. Li kieku l-kawża tieqaf meta titressaq in-Nota (ta' ċessjoni) fir-Reġistru, is-smigħ li jsir wara mill-Qorti biex fih isir il-qari tan-Nota u l-Qorti tieqaf milli tisma' l-kawża ma jkollu l-ebda siwi, anzi, għall-kuntrarju, jkun fieragħ. Dan jingħad għaliex din il-Qorti tifhem li ċ-ċessjoni jew rinunzja tal-parti attriċi għall-atti hija, tassew, il-pass determinanti li jixhed ir-rieda jew volontà tal-parti rinunzjanti (minkejja l-qbil jew in-nuqqas ta' qbil tal-parti l-oħra), imma ma tiħux post id-determinazzjoni tal-vertenza li l-liġi tqiegħed biss fis-setgħa u l-funzjoni tal-ġudikant ladarba l-kawża tkun tressqet quddiemu. Fi kliem ieħor, iċ-ċessjoni toħloq kważi-kuntratt ġudizzjarju bejn il-partijiet f'kawża, li l-formaliżżazzjoni tiegħu jiġi sanzjonat biss meta l-ġudikant jipprovdi l-għarfien tiegħu bil-pronunżjament jew degriet li jiddikjara l-kawża mitmuma*."

[15] Ara *a fol*. 17.

[16] Ara kopja tal-verbal ta' dawk il-proceduri fl-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2016 ezibita *a fol*. 42 tal-prezenti kawza.

[17] *vide* kopja tat-taxxa ufficjali *a fol*. 44.

[18] Il-kopja ta' tali mandat ezibita f'din il-kawza turi li minflok wiehed ezekuttiv (abbazi tat-taxxa ufficjali), gie intavolat wiehed kawtelatorju.

[19] Ara *a fol*. 45.

[20] Ara *a fol*. 86.

**(vii)** Bil-kawza tal-lum, l-atturi (hemmhekk konvenuti) jridu li jigu mhallsa wkoll certu spejjez ulterjuri (extra gudizzjarji) minnhom inkorsi illi ma kienux tassati mir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali fit-taxxa ufficjali marbuta mal-proceduri gudizzjarji quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li gew rununzjati mill-konvenuti (hemmhekk atturi).

Esposti l-fatti saljenti li taw lok ghall-prezenti litigju, it-Tribunal iwettaq is-segwenti ftit riljevi b'introduzzjoni generali.

Meta titnissel kawza bejn tnejn jew aktar min-nies, huwa alkwantu frekwenti li jkun hemm il-htiega illi fiha dawk il-partijiet (jew xi wahda minnhom) ikollhom jirrikorru ghas-servizzi specjalizzati ta' nies professjonisti bhala m'huma esperti komputisti (*accountants* jew awdituri), esperti fl-edilizia (*surveyors*, periti, arkitetti jew inginiera civili[21]), esperti medici (tobba, kirurgi jew psikjatri), esperti informatici u numerevoli ohrajn. Dan jaghmluh sabiex ikunu teknikament assistiti fil-kawza u sabiex isostnu l-pretiza jew id-difiza partikolari taghhom, muniti b'opinjoni ta' l-espert *ex parte* minnhom maghzul biex jikkumbattu l-pretensjoni avversarja. F'bosta kawzi civili, ormai din hija haga kwotidjana u naturali li sehh, ossia illi l-partijiet ikollhom l-opinjoni jew l-ghajnuna ta' espert tekniku taghhom li huma jressqu ghall-iskrutinju tal-gudizzju tal-qrati. Mhux l-ewwel darba illi rapport tekniku (jew opinjoni) *ex parte* ta' parti jigi kombattut mill-parti l-ohra bil-produzzjoni ta' rapport tekniku (jew opnjoni) *ex parte* iehor. F'tali kaz, lil hinn mill-fatt li l-gudikant ma jistax jiskarta tali mezz ta' prova *ex parte*, ghandu l-awtorità li jkollu hu stess ghajnuna esperta.[22] Fi kliem iehor, da parti taghhom, il-qrati ukoll jistghu jaghzlu li jigu mghejjuna minn persuni specjalizzati fi branka professjonali specifika u dan jaghmluh bl-awzilju ta' periti gudizzjarji mahtura appozitament skond in-necessità tal-vertenza li tkun tirrikjedi definizzjoni ta' xi aspett jew aktar partikolari.[23] Dan kollu juri li kawza mhux necessarjament tigi evalwata u finalment deciza purament fuq aspetti semplici ta' fatt kif abbinati mal-principji guridici l-aktar attinenti ghal tali fattispecji, izda wkoll, f'certu istanzi, fuq il-bazi ta' ghajnuna min-naha ta' nies specjalizzati.

Il-haga importanti huwa li l-awzilju ta' dawn il-persuni specjalizzati – kemm jekk huma nkarigati *ex parte* u kif ukoll jekk huma mahtura gudizzjarjament – jkun tassew mehtieg ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza shiha jew ta' xi aspett partikolari

---

[21] Ghad-distinzjoni bejn dawn l-ahhar tlett termini (i.e., 'periti', 'arkitetti' jew 'inginiera civili'), wiehed hu mistieden jara t-tezi ta' Alexandra Vella intitolata "A Critical Analysis of the Architect's Professional Liability" (Università ta' Malta, 2010; pp. 39–44).

[22] *vide* Art. 644 *et seqq* tal-Kodici ta' Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

[23] Infatti jinsab affermat illi "*Il bisogno di ricorrere a uomini esperti nei vari rami dello scibile umano è per illuminare i giudici sopra fatti o questioni che esigono cognizioni particolari*." (*cfr*. **Luigi Mattirolo**, "Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano", 4ª ed. 1894; Vol. II; §961, p. 815).

taghha, hekk kif del resto implicitament maghdud fl-Art. 558 (li jirrikjedi t-tressieq t'evidenza rilevanti ghall-kaz), fl-Art. 559 (li jezigi l-aqwa evidenza li parti tista' tipproduci), fl-Art. 12(1) tal-L.S. 12.09 (li jrid li l-hatra t'esperti legali ghandha tkun ristretta ghal kazijiet eccezzjonali) u fl-Art. 9(2)(c) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta (li jiddetta li f'kawzi quddiem dan it-Tribunal il-hatra ta' esperti teknici ghandha tkun limitatissima).

Issa fil-kaz taghna, l-atturi kienu ghazlu li jinqghdew mis-servizzi ta' perit arkitett *ex parte* sabiex ahjar ifasslu d-difiza taghhom fil-kawza proposta kontrihom mill-odjerni konvenuti konjugi Busuttil.

Milli jirrizulta mill-atti ta' dawn il-proceduri, il-prestazzjoni professjonali tal-perit *ex parte* inkarigat mill-atturi kienet maghmula tikkonsisti minn dawk l-irjus elenkati fil-kont mahrug lill-atturi mill-istess perit, datat 21 ta' Dicembru, 2016 (*a fol*. 79), ossia (i) minn laqgha mal-prezenti atturi, access *in situ*, laqgha ma' l-avukat ta' l-istess atturi u ricerka dwar il-kaz, ilkoll imwettqa f'Gunju, 2014 [€250.00c]; (ii) minn laqgha ma' l-avukat tal-prezenti atturi u assistenza waqt l-access *in situ* mill-espert gudizzjarju mahtur mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza li mbaghad giet ceduta, ilkoll prestati f'Novembru, 2014 [€100.00c]; (iii) laqgha ohra ma' l-avukat tal-prezenti atturi u preparazzjoni ghat-testimonjanza eventwali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li fiha kienu ser jigu ezibiti diversi dokumenti, li sehhew f'Gunju, 2015 [€550.00c]; u (iv) attendenza il-Qorti ghall-kontro-ezami li ma sehhx, li grat f'Marzu, 2016 [€50.00c]. It-total komplessiv ta' tali servigi professjonali huwa ta' €950.00c, li meta tigi mizjuda t-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) maghhom, igibu l-ammont ta' €1,121.00c – li huwa l-ammont domandat f'din il-kawza.

Kontra din il-pretiza, il-prezenti konvenuti jikkontendu li huma hallsu kollox marbut mal-kaz cedut quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (u dan skond it-taxxa ufficjali mahruga in kollegament mal-kaz fl-ismijiet "Anthony Camilleri noe v. Michael Pace Gasan et") u li l-ispiza 'extra' imwettqa mill-atturi m'hix rekuperabbli minghandhom.

Ikun jixraq li jsehhu ftit riljevi sabiex id-dinamika fattwali u certu presupposti guridici ta' dan il-kaz jigu mpoggija fuq il-binarji proprji taghhom.

Jibda' biex jigi sottolinejat illi hekk kif persuna ghandha libertà assoluta li tiftah kawza dinanzi l-qrati u t-tribunal, l-istess ekwivalenti libertà u awtonomija hija legislattivament rikonoxxuta u koncessa lill-istess parti li twaqqafha meta trid hi. Ghalhekk, attur f'kawza ghandu kull jedd li jirrinunzja ghall-atti tal-kawza fi kwalsiasi stadju tal-procediment minnu mibdi, basta jaghmel dan qabel ma tinghata s-sentenza, hekk kif precizat fl-Art. 906(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili

(Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Konsegwenza ta' tali decizjoni li kawza tintemm unilateralment mill-parti attrici hija li l-istess parti hi dovuta "*tħallas l-ispejjeż tal-kawża u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra*" hekk kif dispost fl-Art. 907(2) tal-Kodici ta' Procedura Civili. Kif ghandu jkun implicitu, u ovvju, dan japplika – *mutatis mutandis* u b'egwal forza – ghall-parti mharrka jekk din taghzel tressaq istanza rikonvenzjonali in virtù ta' l-Art. 396 tal-Kodici ta' Procedura Civili.

Hawnhekk il-Ligi titkellem dwar l-ispejjez marbuta mal-kawza u l-inferenza hija illi tali spejjez huma solament determinati u esklussivament determinabbli mit-taxxa ufficjali li tinhareg ad opra tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali hekk kif dettat fil-parti inizjali ta' l-ewwel subinciz ta' l-Art. 64 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Fil-gergo legali, wiehed jiddeskrivi dawn l-ispejjez bhala «spejjez gudizzjarji», u cioè dawk l-ispejjez sostenuti mill-partijiet fil-kors tal-procediment dinanzi l-awtorità gudizjarja, illi di norma jikkomprendu l-onorarju (drittijiet) ta' l-avukati u/jew tal-prokuraturi legali u l-ispejjez tal-prezentata ta' l-atti gudizzjarji waqt l-istess procediment gudizzjarju.

Madanakollu, x'jigri minn dawk l-ispejjez l-ohra li parti tidhol fihom minhabba il-kawza miftuha minnha jew kontriha li huma «extra-gudizzjarji» (jew «stragudizzjali»), ossia dik in-nefqa li tmur lil hinn mill-ispejjez gudizzjarji kontemplati mil-Ligi, li jigu mahduma u kwantifikati mir-Registratur u elenkati fit-taxxa ufficjali tal-kawza? Ghandhom tali zborsamenti jigu indennizzati lill-parti li tinkorri fihom mill-parti l-ohra (li twaqqaf hesrem il-procediment jew li titlef il-kawza)?

Ghal dan it-Tribunal, it-twegiba ghall-appena msemmi kwezit ghandha tkun, b'mod generali, fil-pozittiv.

Fl-ordinament patriju, u hekk kif ser jintwera aktar 'l isfel b'senjalazzjoni ghal xi gurisprudenza, m'hemm imkien xi divjet li tali zborsamenti – purkè ragjonevoli u mhux kapriccjuzi – m'ghandhomx ikunu wkoll rifondibbli lil dik il-parti li tbghatihom minhabba l-ghemil ta' l-avversarju. Il-prezenti kawza hija proprju dwar dan!

Ghal dan it-Tribunal, jekk tali spejjez extra-gudizzjarji saru minhabba l-kawza, u/jew sabiex il-procediemnt ikun ahjar struwit, u/jew biex il-pretiza jew id-difiza tal-parti tkun wahda kompleta u idoneja, u/jew biex il-gudikant ikun sufficjentement mhejjun jew gwidat biex jilhaq eventwali decizjoni u adegwatament jintwera li ma kienux spejjez irragjonevoli jew imwettqa kapriccozament jew spejjez altament ezagerati, allura m'hemm xejn fl-ordinament domestiku li jzomm lil dik il-parti li

tinkorri f'tali spejjez 'extra' minhabba l-parti avversarja illi tirreklamahom mill-parti l-ohra f'kawza *ad hoc* quddiem is-sede kompetenti.

It-Tribunal qed jasal ghal din il-konkluzjoni anke fuq l-iskorta ta' xi decizjonijiet emessi fil-passat mill-qrati taghna illi haddnu l-istess filosofija guridika hekk kif jidher fis-segwenti kazijiet.

Jigi citat il-kaz *in re* **George Attard v. Michele Galea** (Appell Inferjuri, 25 ta' Frar, 1956). Din kienet kawza illi fiha l-attur talab biex il-konvenut jigi kkundannat ghal xi hsarat imwettqa f'ghalqa u fl-ucuh ta' xi prodotti agrikoli u kif ukoll ghar-rizarciment ta' perizja mwettqa minn espert agrikolu li kien ta' stima *ex parte* tad-danni subiti. L-ewwel qorti kienet laqghet parzjalment it-talba attrici, izda cahdet dik dwar ir-rimbors ta' l-ispejjez tal-perizja *ex parte*. Fl-ewwel grad, il-qorti kienet sostniet illi in "*kwantu ghall-onorarju ta' l-espert inkarigat mill-attur, din kienet perizja 'ex parte', li saret minghajr il-kunsens tal-konvenut, u ghalhekk l-attur ma jistax jirrepeti l-ispejjez taghha, lanqas bhala danni*." Il-konvenut appella minn tali sentenza b'mod principali (dwar il-kundanna ghar-rizarciment ta' hsarat) filwaqt li l-attur appella b'mod incidentali (dwar l-ispiza *ex parte*). Il-Qorti ta' l-Apell bdiet billi tosserva illi "*ma hemmx dubju li perizja 'ex parte' ma tistax tigi mehuda in konsiderazzjoni bhala perizja gudizzjarja; Izda il-kwistjoni ghandha tigi rigwardata minn aspett iehor aktar gust*." Il-qorti tat-tieni grad kienet akkoljiet l-appel ta' l-attur u akkordatlu l-ispejjez minnu mahruga in relazzjoni ma' tali stima *ex parte* peress li kienet tal-fehma illi tali spiza kienet, f'dawk ic-cirkostanzi, wahda legittima u kienet giet inkorsa mill-attur minhabba l-intransigenza u l-precedenti fatt dannuz tal-konvenut. F'dan ir-rigward fl-appell kien gie affermat li, "*L-attur kellu bzonn iqabbad perit biex jista' jirregola ruhu fit-talba*" u illi "*l-inkarigu moghti lill-*[espert] *kien utili anki ghad-definizzjoni tal-kawza.*"

Minn qari tac-citata sentenza, il-Qorti ta' l-Appell kienet rabtet il-konkluzjoni ahharija taghha mall-fatt illi l-ghemil tal-konvenut, precedenti ghal-litigju gudizzjarju, kien wiehed ta' passività fil-konfront ta' l-attur meta dan ta' l-ahhar kien sejjahlu sabiex jitqabbad espert biex, bonarjament, jintlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar il-kwistjoni tar-rizarciment tal-prodott agrikolu. Il-qorti kienet ukoll hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi f'dak il-kaz il-konvenut kien gie ritenut hati minn tribunal kriminali ta' l-agir tieghu dwar il-hsarat subiti fil-prodott agrikolu u fl-ghalqa. Dawn il-fatturi, u ohrajn accessorji, wasslu ghad-decizjoni li t-talba attrici kienet misthoqqa ghax iggenerata mill-ghemil kolpuz u inerti ta' l-imharrek. L-appell principali gie rigettat filwaqt li dak incidentali gie akkolt u s-sentenza appellata giet riformata appozitament.

Sentenza ohra b'fattispecji fattwali ferm simili u xi ftit analogi ghal dik taghna kienet dik *in re* **Emmanuele Borg v. Arturo Mirasole** (Appell Superjuri, 5 ta' April, 1954). F'din l-imsemmija kawza, l-attur kien talab li jigi rimborsat certu spejjez (ghall-preparazzjoni ta' numru ta' dokumenti) li hu kien wettaq u dahal fihom bhala parti konvenuta f'kawza ohra precedenti li kienet giet intavolata mill-konvenut, hemmhekk attur, kontrih. Gara illi wara li twettqu tali spejjez, gew kompilati tali dokumenti, izda qabel ma' dawn gew ezibiti in atti, l-attur fil-kawza precedenti, issa konvenut, ghadda biex ceda l-atti tal-kawza ad insaputa tal-konvenut f'dawk il-proceduri, issa attur. Konsegwentement, dawk l-ispejjez ghad-dokumenti – preparati, izda mhux prezentati fl-atti tal-proceduri – ma setghux jigu inkluzi fit-taxxa ufficjali finali tal-kawza hekk rinunzjata. Ghalkemm l-ispejjez gudizzjarji, flimkien mad-drittijiet professjonali tal-kawza hekk ceduta, kienu gew imhallsa u saldati mill-konvenut lill-attur, dan ta' l-ahhar argumenta illi d-dokumenti minnu preventivament migbura, izda mhux formalment ezibiti fl-atti ta' dik il-kawza, kienu intizi ghall-istess kawza u li ghalhekk kien qed jitlob ir-rimbors taghhom bhala spejjez marbuta mal-procediment cedut.

L-ewwel qorti kienet irrigettat it-talba attrici u illiberat *ab observantia iudicii* lill-konvenut abbazi tal-kunsiderazzjoni primarja illi attur f'kawza jista', meta jrid, icedi l-atti tal-kawza, basta li tali rinunzja tkun wahda pura u semplici u bla ebda kundizzjoni. Tali rinunzja, ghalhekk, tiddependi biss mill-volontà ta' l-attur u l-parti konvenuta ma tistax ma taccettahiex, salv dejjem l-obbligu tar-rinunzjant li jhallas l-ispejjez gudizzjarji. L-ewwel qorti kienet sostniet illi, «*l-lokuzzjoni ta' l-art. 910(2)* [illum 907(2)] *fuq citat hija cara u jinghad univokament li l-parti rinunzjanti obligata thallas "l-ispejjez tal-kawza" (fit-test Ingliz "the costs of the proceedings" u skond l-art. 926 ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-lum revokat, "le spese del giudizio"). Issa, ma hemmx dubju li l-ispejjez tal-kawza huma dawk li jirrizultaw mill-istess kawza; tant hu hekk li dawn biss huma l-ispejjez li r-Registratur obligat jirraporta fit-taxxa, fosthom dawk tad-dokumenti biss li jkunu gew ezibiti (Kollez. XI, 208). Illi minn dan tinsel il-konsegwenza li, ladarba l-ispejjez in kwistjoni ma jirrizultawx mill-kawza, ma jistghux jigu kunsidrati bhala spejjez tal-kawza kif qieghed jikkwalifikahom l-attur fic-citazzjoni; u ma jistax l-attur jitlob il-hlas taghhom bhala spejjez – salva l-kwistjoni jekk ghandux dritt jitlobhom bahal danni*.» Il-Qorti kompliet tghid fuq dan l-ahhar aspett li, "*Jekk imbaghad, dawk l-ispejjez huma ripetibili bhala danni, trid issir l-indagni dwar il-kawza jew il-motiv ta' l-istess danni, kif ukoll jekk dawk id-dokumenti kienux rilevanti ghall-kawza – indagini li certament ma tistax issir fil-kawza kif tinsab il-lum proposta.*"

L-attur appella min tali decizjoni, izda l-Qorti ta' l-Appell kienet ikkonfermat *in toto* s-sentenza appellata u sostniet, *inter alia*, illi l-osservazzjonijiet registrati mill-

ewwel qorti kienu korretti. Il-qorti tat-tieni grad kienet issottolineat, b'riferiment ghas-sentenza *in re* **Magion v. Camilleri** (Prim'Awla, 2 ta' Dicembru, 1886), illi "*il registratore riporta nella tassa, secondo l'uso inveterato di queste Corti, le spese che risultano dai documenti esibiti*." Il-qorti tat-tieni grad qablet ukoll mal-qorti ta' prim'istanza u sostniet illi peress li l-attur imposta l-azzjoni tieghu fuq il-bazi ta' "*hlas ta' somma bhala spejjez li saru fil-kawza ceduta*" l-istanza tieghu ma setghetx tigi akkolta. Fi kliem iehor, stante li l-attur ghazel id-dizzjoni specifika tad-domanda gudizzjarja tieghu, l-istess domanda ma setatx titqies ekwivalenti ghal talba ghal danni u dan l'ghaliex "*mentri l-hlas tas-somma bhala spejjez hija semplici applikazzjoni tad-dipost ta' l-art. 910(2)* [illum 907(2)] *Kap. 15* [illum 12], *il-hlas tas-somma bhala danni jimporta kwistjonijiet totalment diversi.*"

Minn tali decizjoni jirrizulta li l-attur ma jistax jitlob il-hlas ta' xi zborsamenti minnu mwettqa taht il-kappa ta' 'spejjez tal-kawza', ossia ta' spejjez gudizzjarji, u dan peress li tali spejjez huma regolati tassattivaent mill-Ligi [*ex* Art. 907(2) Kapitolu 12] u regolati esklussivament mit-taxxa ufficjali. Madanakollu, l-istess parti tista' talvolta titlob il-hlas ta' dawk l-izborsamenti bhala danni f'gudizzju iehor appozitu, purkè jissusistu l-ingredjenti u l-presupposti relattivi ghal tali azzjoni.

Minn tali ottika, u kif jaraha dan it-Tribunal, min ikun jinsab f'tali sitwazzjoni, jista' jressaq talb gudizzjarja *ad hoc* sabiex jittenta jirriskwoti l-ispejjez extra gudizzjarji li jkun garrab minhabba l-parti l-ohra. Ghalhekk, tali spejjez extra gudizzjali, kwalifikati bhala danni, ghandhom ikunu spejjez ripetibili[24] mill-parti l-ohra. Madanakollu, tali jedd t'azzjoni izda jrid dejjem jitkejjel u jigi marbut mal-fatti pekuljari tal-grajja u kif l-istess zvolgiet u evolviet sabiex l-imsemmi jedd jissarraf fi dritt ezigibbli f'kumpens. Ghandu jkun maghruf – razenti l-ovvju – illi bil-jedd biss, parti ma tistax tikseb l-aspettattiva ta' kundanna tal-parti avversarja.

F'tali istanza tali parti jkun jehtiegilha, *inter alia*, turi – naturalment apparti l-*quantum* relattiv – li l-ispejjez extra gudizzjali inkorsi kienu necessarji ghall-kaz taghha, li kienu inevitabbli halli dik il-parti adegwatament issostni d-difiza jew il-pretensjoni propria, li kienu spejjez ragjonevoli u li ma kienux ezorbitanti tenut kont tan-natura tal-kwistjoni u li l-imsemmija spejjez 'extra' kienu utili u legittimi u ma kienux imwettqa b'kapricc, malizzjozament jew b'finalità vessatorja. Abbinat ma' dan kollu, irid isir dejjem ezami tal-komportament processwali tan-naha l-ohra (ez. temerarjetà, imprudenza ineskuzabbli, negligenza gravi jew ghemil razenti d-dolo, *ecc*.) ghalbiex kollox jigi mwiezen fl-isfond tal-grajja processwali shiha u kollox jigi

[24] Id-dizzjon legali "ripetibili" tfisser illi pagament, jew zborsament, huwa possibbli li titlob r-restituzzjoni tieghu.

kalibrat skond perspettiva olistika tac-cirkostanzi pekuljari tal-kwistjoni *in specie* u kif din giet *in essere*.

Jekk tali fatturi, jew il-maggoranza taghhom (jew adirittura ohrajn accessorji ghalihom), jigu debitament pruvati, allura m'hemm xejn kuntrarju fil-Ligi, jew abbazi ta' gustizzja ekwitattiva, li ghandha timpedixxi lil dik il-parti milli tigi kumpensata ghal tali spejjez (jew ta' porzjon minnhom) mill-parti l-ohra avversarja. Naturalment, u bhal f'kull kaz iehor, kollox dejjem jiddependi mill-meriti u mid-demeriti partikolari tal-vertenza li tkun qed tigi mistharrga.

Issa nergghu lura ghall-kaz taghna.

Hu indiskuss li l-atturi inkarigaw perit arkitett sabiex jghinhom fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Camilleri noe v. Michael Pace Gasan et" (bir-referenza numru 482/2014/JPG) u huwa indubitat li dawn hallsuh ghas-servizzi minnu rezi in kollegament ma' l-istess vertenza, hekk kif jikkonferma l-istess perit arkitett.[25] Izda d-domanda f'din il-kawza hija din: huma dawn spejjez ripetibili mill-konvenuti konjugi Busuttil? Huma l-appena msemmija konvenuti repsonsabbli ghal tali spejjez inkorsi mill-atturi fl-imsemmija proceduri precedenti? Dan huwa l-punt li jrid jigi issa mistharreg.

It-twegiba ghal tali kwezit trid ta' bilfors tinstab fil-provi avvanzati fil-prezenti procediment.

Ikun opportun li hawnhekk dan it-Tribunal jerga' jfakkar – kif del resto hu rifless f'diversi gudikati precedenti tieghu – illi ghalkemm huwa minnu li dan it-Tribunal mhux marbut bir-regola dwar l-ahjar prova [kif kontemplat taht l-Art. 9(2)(b) Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta] – u ghalhekk jista' jitgharraf b'kull mod li jidhirlu xieraq dwar il-mertu tal-kawza – madanakollu dan ma jiddispensax lill-parti interessata milli tadduci provi idoneji in sostenn tat-tezi taghha (*vide* **Emanuel Borg et v. Anna Clews et**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009). Fil-kawza *in re* **George Muscat noe v. Anton Zammit et** (Appell Inferjuri, 21 ta' Frar, 2017) gie osservat li, "*Statements generici m'humiex provi sufficjenti, u l-ekwità ma tistax taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' provi*." Sa zmien pjuttost ricenti, id-decizjoni *in re* **Middlesea Insurance plc v. Waldorf Auto Services Co Ltd** et (Appell Inferjuri, 17 ta' Novembru, 2017) ittenni tghid illi, "*għalkemm it-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kawżi quddiemu prinċipalment abbażi tal-ekwità, ovvjament il-kawżi quddiemu xorta għandhom jiġu deċiżi a bażi tal-provi li kull parti tkun ressqet*." L-istess

[25] *vide* para. §3 ta' l-affidavit tal-A.I.C. Phillip Mifsud ezibit f'din il-kawza *a fol*. 51.

identiku kliem hu misjub fid-decizjoni *in re* **A.I.M. Enterprises Limited v. U.C.I.M. Co Ltd et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Novembru, 2017).

Hekk kif artigjan ghandu bzonn certu ghodda specifika u certu materjal baziku biex jibda' u jtemm opra lilu affidata, l-istess huwa l-gudikant di fronti ghal vertenza li tirradika l-guridizzjoni tieghu. Quddiemu titwettaq attività u quddiemu jitressqu sforzi processwali (i.e., att gudizzjarji, sottomissjonijiet, pretensjonijiet u kontro-pretensjonijiet ta' kull generu u ta' kull ghamla) li biex jiddecidihom il-gudikant ghandu bzonn certu ghodda u/jew materjal. Bil-wisq naturali, wahda minnhom hi l-Ligi u l-principji guridici li jistghu jinsiltu minnha. Izda dawk biss mhux bastanti, peress li l-Ligi u l-principji guridici wehidihom, u fl-astratt, ma jissarrfux f'decizjoni li tarmonizza l-fatti in kontestazzjoni. Hemm htiega ta' ghodda ulterjuri. U tali ghodda ohra hi l-evidenza, ossia l-provi. Ghalhekk, il-provi huma l-ghodda bazilari ta' kull u kwalsiasi gudikant sabiex, fid-dawl tan-norma guridika (jew izjed) applikabbli, dan jasal jilqa' jew jichad talba jew eccezzjoni. Deficenza ta' provi – jekk hijiex ta' organizzazzjoni jew ta' indole formalistika jew inkella ta' sustanza – minn min hi dovuta titressaq ma twassalx ghall-gustizzja sostantiva mistennija ghax tali karenza ma tistax tigi kolmata mill-gudikant *motu proprio* (salv il-kazijiet previsti jew kontemplati fl-ordinament guridiku). Hekk kif jiktbu l-awturi **Antonio Caratta** u **Michele Taruffo** ("Poteri Del Giudice", Zanichelli editori 2011; p. 478), b'referenza ghall-principju antik ta' "secundum acta et probata non secundum privatam scientiam"[26], "*il giudice era infatti vincolato a decidere* secundum probata, *non* secundum conscientam*, e quindi non poteva* supplere de facto*, potendo utilizzare solo le informazioni che avesse acquistato uti iudex, ossia nell'ambito del process.*"[27]

Addizzjonalment, u kif ukoll diversi drabi ritenut f'numru ta' sentenzi ta' dan it-Tribunal, m'ghandux ikun skontat il-hsieb li «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikoxxi xi posizzjoni fattwali

---

[26] *traduz.* 'skond dak mressaq bhala prova/evidenza, u mhux skond dak li jaf personalment il-gudikant'.

[27] Mizjud ma' dan, wiehed jissenjala dak asserit mill-awturi **Cristiano Mandrioli** u **Antonio Caratta** ("Diritto Processuale Civile", G. Giappuchelli, 26ª ed., 2017; Vol. II, §33, pp. 170–171) illi, "*il rilevo che le prove sono gli strumenti processuali per mezzo dei quali il giudice forma il suo convincimento circa la verità o la non verità dei fatti affermati dall'una o dall'altra parte viene compiuto quando* […] *il giudice, totalmente libero nel giudizio di diritto (jura novit Curia), subisce, invece, rispetto ai fatti, un duplice vincolo; da un lato quello per cui può conoscere soltanto dei fatti affermati dall'una o dall'altra parte (judex secundum alligata judicare debet) e, dall'altro lato, quello per il quale, per pronunciarsi circa la verità dei fatti affermati dalle parti, non può servirsi, di regola (ossia salvi i casi previsti dalla legge), che delle prove – appunto – offertegli dall'una o dall' altra parte*." Huwa ghalhekk fl-iprem interess u dover tal-partijiet li jfornu provi idoneji fil-kaz taghhom sabiex il-gudikant jemmetti l-gustizzja xierqa u minnu mistennija, f'decizjoni konfezzjonata abbazi ta' l-evidenza.

jew xi jedd guridiku b'mod awtomatiku.[28] Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm diversa minn dik reali. Dan m'hu xejn gdid izda hu kuncett antikissimu, hekk kif rifless fil-massima ta' "*quod non est in actis, non est in mundo*." Allura hi mehtiega certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur u/jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw u jigu sinkronizzati. Dan isehh permezz tal-provi li jitressqu f'litigju u dan ghax huma l-provi li jfasslu kawza u jaghtuha l-fattezzi pekuljari u specjali taghha.[29] Huma l-istess provi li jwasslu ghas-success ta' min iressaq istanza quddiem il-qrati (attur) jew ghall-akkoljiment tal-linja difensjonali ta' min jiddefendi ruhu ghaliha (konvenut). Huma l-provi l-qalb ta' kull kontradittorju[30] u huma l-istess provi li jaghtu direzzjoni partikolari lill-ezitu jew

---

[28] Agguntivament, fid-decizjoni in re **Audrey Murphy v. Mark Anthony Delia** (Prim'Awla, 11 ta' Gunju, 2015) inghad hekk: "*bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet*."

[29] Insibu ritenut illi hemm tlett aspetti (jew ilwieni) tal-funzjoni ta' «prova» u cioè, "*prima di tutto ha il significato di designare ciò che serve per confermare un'ipotesi sul fatto* [...] *In un secondo significato, «prova» indica il risultato che si consegue una volta che la prova sia stata assunta e che il giudice ne abbia valutato i risultati in sede di decizione* [...] *In un terzo significato «provare» si ricollega a tutte le varie attività che, nel corso del processo, le parti e il giudice pongono in essere per giungere all'acquisizione delle prove. La prova, cioè, è un «procedimento», in quanto essa si forma e viene ad esistenza attraverso un complesso organizzato, e il piú delle volte regolato dalla legge, di attività svolte da diversi soggetti.*" (**Giorgio Bianchi**, "La Prova Civile", CEDAM 2009; pp. 3–4). Skond awturi ohra, il-provi jistghu jkunu ta' zewg tipologiji generali, ossia dawk imsejjha «precostituite» u dawk largament denominati «costituende». Ta' l-ewwel huma dawk il-provi l-ezistenza ta' liema hi antecedenti ghall-process gudizzjarju (*per ez.* provi dokumentali), mentri dawk ta' l-ahhar jitwieldu, jevolvu jew isehhu fil-kors tal-procediment gudizzjarju (*per ez.* provi orali). Dwar hekk id-duttrina tghallem hekk: "*Prove precostituite sono quelle che si formano fuori e, di solito, prima del processo, nel quale entrano attraverso un semplice atto di esebizione o di produzione. Tipiche prove precostiuite sono i documenti o prove documentali, che si formano, appunto, fuori del processo e che nel processo entrano con la loro produzione, ossia con la loro semplice inclusione (debitamente menzionata nell'atto di citazione o in un comparsa o nel processo verbale d'udienza) nel fascicolo di parte al momento della costituzione o anche in seguito* [...] *I documenti sono già per se stessi, dotati dell'attitudine a produrre efficacia probatoria, sicché, a produzione avvenuta, al guidice non rimane da svolgere altra attività, rispetto ad essi, se non quella del loro apprezzamento, o valutazione ossie un'attività che già concerne la fase di decisione e non più quella istruzione. Sotto questo profilo, sono documenti – o, più in generale, prove precostituite – non soltanto le scritture, pubbliche o private, ma anche diverse rappresentazione di fatti (ad es. fotografie e disegni) o semplicemente cose idonee, col concorrere di certe circostanze, a fondare o a rafforzare il convincimento sulla verità de fatti (si pensi alla fotografia di impronte o ad un oggetto personali rinvenut in un certo luogo). Prove costituende sono, invece, quei mezzi di prova che si formano soltanto nel processo, come risultato di attività istruttoria in senso stretto, sicché prima del processo possono essere soltanto prospettate come possibili, immaginante o preventivate. Tipico esempio di prove costituende sono le prove orali (così dette con un'espressione che palesemente si contrappone a quella di prove scritte o documentali), articolate a loro volta in prove testimoniali, confessione, giuramento*." (*cfr.* **Cristiano Mandrioli** u **Antonio Caratta**, "Diritto Processuale Civile", G. Giappuchelli, 26ª ed., 2017; Vol. II, §33, pp. 172–173).

[30] L-awtur **Francesco Ricci** ("Commento al Codice di Procedura Civile Italiano", Firenze, 1890; Vol. I, §338, p. 344) jikteb illi, "*il contradditorio costituisce il perno del processo, talmente che tutta l'istruzione*

l-izvolta tal-procediment. Jekk il-Ligi hi s-sinsla u l-procediment huwa l-iskeletru, il-provi (ossia, l-evidenza) huma l-muskolatura u n-nervituri li jintergraw kollox flimkien. F'dan ir-rigward, u sabiex ma jsehhx dilungar ulterjuri, it-Tribunal jirreferi ghar-riljevi tieghu in materja fid-decizjonijiet Tieghu *in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et**, moghtija fil-15 ta' Ottubru, 2018, *in re* **Charles Schembri v. Jean Schembri**, emessa fid-9 ta' Jannar, 2019, *in re* **Anthony Grech v. Joseph Spiteri** pronunzjata fil-5 ta' Novembru, 2020 u *in re* **BTI Uniforms Ltd v. Wasteserv Malta Ltd**, ukoll tal-5 ta' Novembru, 2020 (l-ebda wahda appellata).

Dawn l-osservazzjonijiet kienu necessarji peress li l-atturi – salv li ghamlu xi kontro-ezamijiet – f'dan il-kaz donnhom sejjsu l-istanza u l-pretiza taghhom, bazikament, fuq zewg affidavits u ftit dokumenti mehmuza maghhom u ma' ohrajn ezibiti fil-bidu tal-procediment u daqshekk u cioè:

**(a)** Gie prezentat l-affidavit ta' Norbert Caruana,[31] li jaghti rakkont qasir li kienet infethet kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili kontrih u ohrajn minn certu Anthony Camilleri li hemmhekk kien qed jagixxi bhala mandatarju ta' Joseph u Maria Stella konjugi Busuttil u in rapprezentanza taghhom. Jghid li fil-kors tal-kawza hu u l-atturi l-ohrajn (hemmhekk konvenuti) bdew iressqu l-provi, fosthom lill-perit A.I.C. Philip Mifsud li ta d-deposizzjoni tieghu u kien prezenta xi dokumenti u li successivament, habta u sabta, saru jafu li l-konjugi Busuttil kienu cedew l-imsemmija proceduri gudizzjarji f'Novembru, 2016. Kienet giet ordnata t-taxxa ufficjali ta' dawk il-proceduri u tali spejjez eventwalment – wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv – gew saldati mill-konjugi Busuttil. Sussegwentement, f'Dicembru, 2016, il-perit A.I.C. Phillip Mifsud hareg kont fl-ammont ta' €1,121.00c ghas-servizzi professjonali minnu prestati fl-imsemmija proceduri u prezentah lill-prezenti atturi ghall-hlas. Tali spiza ma kinitx tifforma parti mit-taxxa ufficjali msemmija aktar kmieni. Ghalhekk, qed jippretendu l-istess rimbors b'dawn il-proceduri. Flimkien ma' tali affidavit giet imressqa kopja tal-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2016 li juri li l-kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet giet ceduta;[32] kopja tat-taxxa ufficjali ta' dawk il-proceduri;[33] u kopja ta' mandat ta' sekwestru datat 29 ta' Marzu, 2017 li bih intalbu l-ispejjez gudizzjarji abbazi ta' l-imsemmija taxxa ufficjali.[34]

*posteriore della causa non ha altro scopo che quello di svolgere il punto di questione, quale si è fissato con la contestazione della lite*."

[31] *vide* affidavit tieghu *a foll*. 39–40.
[32] *a fol*. 42.
[33] *a fol*. 44.
[34] *a foll*. 45–50.

Madanakollu, m'hemm l-ebda spjegazzjoni tan-necessità li kellu jitqabbad, b'mod *ex parte*, il-perit A.I.C. Phillip Mifsud u ma tinghatax spjegazzjoni, jew deskrizzjoni, ta' l-importanza ta' l-assistenza ta' dan il-perit fil-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, illi kienet wasslet lill-prezenti konvenuti (hemmhekk atturi) li jcedu l-kawza minnhom mibdija. In-ness bejn l-assistenza tal-perit arkitett *ex parte* u c-cessjoni tal-proceduri ma gietx spjegata jew approfondita u ma giet fornita l-ebda prova ohra li tista' twaddab dawl fuq l-imsemmija aspetti. Lanqas ma gie muri xi ghemil kolpuz jew doluz, traskurat jew imprudenti, da parti ta' l-atturi f'dak il-procediment (konjugi Busuttil) li kien jghamilha impellenti ghall-konvenuti fihom (il-prezenti atturi) li jitolbu ghall-assistenza ta' professjonist *ex parte* sabiex bl-*expertise* tieghu jghin biex tigi rizolta l-vertenza jew xi aspett minnha jew liema assitenza *ex parte* kienet bhal donna illuminat lill-atturi (konjugi Busuttil) b'xi zball jew b'xi zvista fil-pretiza minnhom imressqa li kkonstringiethom iwaqqghu l-kawza minnhom mibdiha. Fic-cirkostanzi, huwa plawsibbli wkoll li l-prezenti konvenuti, hemmhekk atturi, ghazlu li jtemmu l-perkors tal-procediment minnhom inizjat ghal ragunijiet ohra, personali jew ta' strategija legali, distinti u/jew awtonomi mill-fatt li kien xehed fihom il-perit *ex parte* tal-prezenti atturi, hemmhekk konvenuti.

Ghalhekk, minn din il-verzjoni ta' Norbert Caruana, alkwantu spartana f'dak li jikkoncerna dettalji specifici, it-Tribunal ma jistax jasal ghall-konvinciment li l-estremi tal-pretiza attrici f'dan il-kaz intlahqu.

**(b)** Gie mressaq l-affidavit tal-perit A.I.C. Philip Mifsud[35] fejn fih jinghad li fis-sena 2014 hu gie inkarigat mill-prezenti atturi (hemmhekk konvenuti) u li matul dik il-kawza hu kien ittella' jixhed f'udjenza (f'Marzu, 2016) u fiha kien ezibixxa numru ta' pjanti u ta' dokumenti ohra. Ma' tali affidavit giet annessa ittra ta' Gunju, 2010 da parti ta' l-istess perit presumibilment indirizzata u mibghuta lill-mandatarju tal-konjugi Busuttil, Anthony Camilleri;[36] zewg pjanti;[37] ittra ohra datata 27 ta' Lulju, 2010 da parti ta' l-istess perit indirizzata u mibghuta lill-mandatarju tal-konjugi Busuttil, Anthony Camilleri;[38] tlett pjanti;[39] kopja ta' att nutarili datat 26 ta' Awwissu, 1994;[40] kopja ta' att nutarili iehor tad-9 ta' Gunju, 1995;[41] zewg pjanti ohra;[42] kopja

[35] *vide* affidavit tieghu *a fol*. 51.
[36] *a foll*. 53–55.
[37] *a foll*. 56–57.
[38] *a foll*. 59–60.
[39] *a foll*. 61–63.
[40] *a foll*. 64–68.
[41] *a foll*. 69–72.
[42] *a foll*. 73–74.

ta' certifikat ta' titolu mahrug mir-Registru ta' l-Artijiet;[43] zewg pjanti ohra;[44] u kopja tal-kont mahrug lill-prezenti atturi.[45]

Madanakollu, ghal darb'ohra, f'tali affidavit m'hemm l-ebda spjegazzjoni ta' x'kienet il-vertenza bejn il-partijiet jew x'kien id-diverbju tekniku bejn il-kontendenti li kien jehtieg li jitqabbad, b'mod *ex parte*, l-istess perit A.I.C. Phillip Mifsud. Lanqas m'hemm spjegazzjoni jekk l-atturi f'dawk il-proceduri (konjugi Busuttil) kellhomx ukoll perit *ex parte* taghhom li kien qed jikkontendi xi haga ohra, kompletament jew parzjalment diversa, mill-perit A.I.C. Phillip Mifsud. Lanqas ix-xhieda quddiem il-Qorti Superjuri ta' l-istess perit ma giet minnu deskritta jew, almenu, kopja legali taghha ezibita f'dawn il-proceduri sabiex wiehed jiehu kont tan-natura tal-kontiza u jifhem sewwa sew x'kienet il-kwistjoni in kontestazzjoni halli wiehed jifhem fejn kien hemm qbil u fejn ma kienx hemm, jekk kienx hemm xi aspett li l-partijiet kienu qed jaqblu dwaru jew id-diskordja ta' bejniethom kinitx wahda totali. Lanqas mid-dokumentazzjoni annessa ma' tali affidavit wiehed ma jasalx ghal stampa cara tal-kontiza – aktar u aktar meta wiehed jinnota illi l-korrispondenza skambjata kienet risalenti ghas-Sajf tas-sena 2010 mentri l-proceduri quddiem il-Prim'Awla inbdew fit-3 ta' Gunju, 2014.

**(c)** Ma' nota datata 11 ta' Jannar, 2019, fost dokumenti ohra, l-atturi ressqu kopja tar-rikors guramentat fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Camilleri noe v. Michael Pace Gasan et" (bir-referenza numru 482/2014/JPG)[46] li jaghti idea pjuttost cara ta' l-indoli tal-kawza li l-prezenti konvenuti kienu fethu fil-qorti superjuri u kif ukoll kopja tan-nota ta' cessjoni f'tali proceduri datata 15 ta' Novembru, 2016[47] u nota ta' cessjoni ohra li giet prezentata f'udjenza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Novembru, 2016.[48]

Dawn l-atti gudizzjarji, wehidhom, ma jghinux fl-individwazzjoni tan-necessità li l-prezenti atturi kellhom jinkorru, ingustament, fi spejjez 'extra' minhabba l-ghemil tal-konvenuti. Juru biss stampa fattwali oggettiva li kawza inbdiet u li giet terminata, hekk kif legittimament ghandu l-jedd jaghmel l-attur skond 'il fuq citat Art. 906 tal-Kodici ta' Procedura Civili.

---

[43] *a foll*. 75–76.
[44] *a foll*.77–78.
[45] *a fol*. 79.
[46] Ara *a fol*.12 *et seqq*.
[47] Ara *a fol*. 17.
[48] Ara *a fol*. 18.

**(d)** Mir-rimanenti provi mressqa, l-enfazi kienet dwar il-kwistjoni li Sean Busuttil ha post il-mandatarju Anthony Camilleri,[49] dwar il-hlas ta' l-ispejjez gudizzjarji skond it-taxxa ufficjali,[50] li dwarhom il-prezenti atturi kienu hargu mandat ta' sekwestru u l-ammont gie saldat[51] u li eventwalment inhareg kontro-mandat.[52]

Lanqas din l-evidenza m'hi ta' xi suffraggju ghall-prezenti atturi. L-istess evidenza titkellem dwar aspetti li m'humiex in kontestazzjoni fil-prezenti litigju. Tali evidenza hi biss spjegattiva ta' certu fatti oggettivi li sehhew qabel il-prezenti kontiza, izda ma ghandha l-ebda sustanza jew effikacja konkreta fid-determinazzjoni tal-kwistjoni prezentata f'din il-vertenza.

Minn tali riassunt tal-materjal probatorju a disposizzjoni ta' dan it-Tribunal huwa manifestament palezi illi r-rekwiziti imfissra aktar 'il fuq f'din id-decizjoni ma gewx debitament sodisfatti mill-atturi.

Nonostanti li l-prezenti istanza (bhala wahda dikjaratament ghad-danni) hi guridikament ammissibbli bhala tali, f'dan il-kaz ma intweriex illi l-ispejjez 'extra gudizzjali' inkorsi kienu necessarji ghall-kaz quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li kienu spejjez inevitabbli, li kienu spejjez ragjonevoli u li ma kienux ezorbitanti tenut kont tan-natura tal-kwistjoni, li kienu spejjez utili u legittimi u li ma kienux imwettqa b'kapricc, malizzjozament jew b'finalità vessatorja. Lanqas ma gie muri illi kien il-komportament processwali tan-naha l-ohra (il-konjugi Busuttil) li – minhabba agir processwali temerarju – skatena n-necessità li jsehhu tali spejjez 'extra'.

Il-komportament tal-parti *ex adverso* hu element important, jekk mhux indispensabbli. Dan hu hekk l'ghaliex bhala kawza ghar-rizarciment ta' danni din trid issegwi l-presuppost tal-htija kif prevista fl-Art. 1031 tal-Kodici Civili li jiddisponi li, "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*." Sabiex tirnexxi tali azzjoni hemm bzonn jikkonkorru tlett rekwiziti, *ossia* (**i**) il-prova tad-dannu rrekat inkombenti fuq min jallegah; (**ii**) il-kondotta doluza jew kolpuza (kommissiva u/jew ommissiva) tal-konvenut; u (**iii**) in-ness kawzattiv bejn tali danni u tali kondotta.[53] Huwa mportanti li jigi enfasizzat illi, "*la colpa è un ipotesi giuridica e generica finche*

---

[49] *vide* xhieda ta' Shaun Busuttil fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru, 2019 u dik tas-17 ta' Frar, 2020.
[50] *Ibid*. Ara wkoll xhieda ta' Anthony Camilleri fl-udjenza tas-17 ta' Frar, 2020.
[51] *Ibid*.
[52] Kopja tieghu ezibita *a foll*. 86–87.
[53] F'dan is-sens ara, fost ohrajn, is-sentenzi *in re* **George Thomas Davison v. Joseph Azzopardi noe** (Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu, 1962) u *in re* **Francis Busuttil v. Sammy Meliaq nomine** (Prim'Awla, 9 ta' Dicembru, 2002). Analizi mirquma tat-tlett aspetti tinsab spjegata mill-awtur **Giovanni Pacchioni** fi "Diritto Civile Italiano – Diritto Delle Obbligazioni" (CEDAM, 1940; Vol. IV, p. 141).

*sta nelle disposizioni della legge o sui tratti di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili*." (**Ingegnere Frank Calafato v. Carmelo Grech**, Appell Civili, 23 ta' Novembru, 1921).[54] Tali estremi baqghu ma gewx debitament ippruvati f'dan il-kaz u, ghalhekk, ikollu jinghad illi l-konvenuti baqghu assistiti minn dik in-norma legislattiva li tghid illi,"*Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu*" (ex Art. 1030 tal-Kodici Civili).

Hawnhekk – u f'vina ta' analogija ghall-kaz in ezami – it-Tribunal isib ferm interessanti l-osservazzjonijiet imwettqa mill-qrati taghna fil-kawzi, fost ohrajn, *in re* **Maria Giuseppe Mugliett et v. Avvocato Dr. Giorgio Bezzina** (Appell Civili, 26 ta' Jannar, 1926);[55] *in re* **Giuseppe Falzon v. Carmelo Laferla** (Prim'Awla, 15 ta' Mejju, 1931);[56] *in re* **Negte. Carmelo Delia v. Giovanni Xuereb** (Appell Civili, 9 ta' Mejju, 1932);[57] *in re* **Jane Spiteri v. Nicholas Camilleri** (Prim' Awla, 10 ta' Jannar, 1992);[58] *in re* **John Zarb v. Port Cottonera Limited** (Prim'Awla, 18 ta' Settembru, 2002);[59] *in re* **Ratan Mohnani v. Carmelo Stivala** (Appell Inferjuri, 11

---

[54] Fuq l-istess binarji ta' hsieb, l-awtur **GIORGIO GIORGI** ("Teoria Delle Obbligazioni", Firenze 1924; Vol.II, §33 p. 57) jikteb illi, "*La colpa invero è un* quid iuris, *sinchè sta nei volumi dei trattisti al cospetto della scienza; ma la colpa è un* quid facti, *quando deve essere provata davanti al giudice, il quale non può trovarla, se non nei fatti, che gli vengono dimostrati*."

[55] F'din is-sentenza, b'osservazzjoni ta' l-Artt. 1031 u 1032 tal-Kodici Civili, issokta jigi kummentat dan: "*non si sanziona il principio che la soccombenza nel giudizio tragga necessariamente seco la conseguenza del dovere del risarcimento; sarebbe rendere gravoso e difficile al cittadino ricorrere all'autorita` giudiziario se si punisse la meno retta e talvolta dibattuto interpretazione dei propri diritti.*"

[56] Fiha gie affermat dan: "*perche l'azione per i danni possa dirsi giuridicamente fondata, è necessario che, indipendentemente dalla soccombenza, sia dimostrato, e provato, concludentemente che il contendente abbia danneggiato la parte avversa con un suo trasmodarsi nell'esercizio di un preteso suo diritto. Non è in colpa chi credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca*."

[57] F'din id-decizjoni inghad hekk: "*Venne da questa Corte costantemente ritenuto che il vincitore in una causa puo esigere danni dal suo contraddittore quando siano fondati, non nel mero fatto del contendere ma un atto doloso o colposo del contradittore, il quale o per malizia o per grave negligenza gli abbia cagionato dei danni, trascinandolo in giudizio (vedi Appello in re: "Barbara -vs- Fleri", 7 Dicembre 1931). In quella decisione si ritenne che la definittiva soccombenza dell'opponente non fa si che egli debba necessariamente rispondere dei danni perchè chi fa uso di un suo diritto non è responsabile dei danni che ne derivano a meno che la pretensione non fosse arbitraria o capricciosa (vedi Collezione Volume XII pagina 434; Volume V pagina 222 e Volume VII pagina 1).*"

[58] Fiha gie deciz li, "*Hu car wkoll illi d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti hu fost l-aqwa drittijiet li fl-ezercizzju tieghu ccittadin bl-ebda mod ma ghandu jigi mxekkel. Jinkombi fuq ic-cittadin pero` d-dover li ma jabbuzax minn dan iddritt u jekk jabbuza jkun ritenut responsabbli ghad-danni provokati b'tali abbuz. Mill-banda l-ohra hu car ukoll illi lfatt li t-talba ta' min ikun ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser necessarjament li sar abbuz tad-dritt li tigi adita l-Qorti. Hu biss f'kaz eccezzjonali li dan ikun il-kaz. Dan ghaliex hu risaput illi ghalkemm il-ligi hi oggettivament wahda ghal kulhadd, flistess hin hi spiss taghti lok ghall-interpretazzjonijiet vari u soggettivi li l-partijiet u s-socjeta` jafdaw f'idejn il-gudikant biex jiddettermina u japplika*."

[59] Fiha inghad li, "*Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbiltà ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibili mil-ligi. Ghalhekk, gie deciz li min jiftah il-kawza u jitlifha, ma jkunx responsabbli ghad-danni,*

ta' Gunju, 2010);[60] u *in re* **Joseph Sammut et v. Carmelo sive Charles Scerri et** (Appell Superjuri, 6 ta' Ottubru, 2020).[61]

B'dan kollu maghdud, dan it-Tribunal ma jhossx il-konvinzjoni li l-atturi lahqu il-grad tal-prova mehtiega f'dan il-kaz. Anzi, il-kaz taghhom jhalli lakuni u dubji li ma jistghux, fis-sewwa, jigu injorati jew sorvolati.[62] Kif ghandu jkun maghruf, kull

---

*sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez Vol. XXXVIII.I.223); u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol. XXVIII.III.695). Huwa meta persuna tagixxi kapriccosament jew b'mala fede, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha.*"

[60] Fiha, *inter alia*, inghad hekk: «*Il-prova tat-temerarjeta tal-pretensjoni tal-konvenut fil-kawza l-ohra kienet tinkombi fuq l-attur, u biex tirnexxi t-talba tieghu ghad-danni minhabba dik ir-raguni hu htieglu jipprova li l-konvenut agixxa in mala fede. Hekk, kif jinzel minn gurisprudenza konkordi, filwaqt li hu ammess illi "è lecito al vincitore in una lite di esigere dal soccombente i danni" dan huwa hekk koncess "nella sola ipotesi quando il vincitore stesso è in grado di stabilire che il soccombente abbia litigato dolosamente per malizia o colposamente per grave negligenza" ("Negte. Carmelo Delia -vs- Giovanni Xuereb", Appell Civili, 9 ta' Mejju, 1932). Gja infatti nghad qabel din illi "colui che in buona fede credendosi in diritto prende i passi opportuni ai termini di legge contro un altro non è passibile di danni che questo ultimo viene in conseguenza a soffrire anche si vi rimane soccombente" ("Barbara -vs- Fleri proprio et nomine", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Frar, 1931, konfermata in sede Appell fis-7 ta' Dicembru, 1931). Qaghda konsimili ghal din tas-sentenzi accennati kienet diga prevalenti fil-kazijiet domandanti d-danni minn min ikun kwerelat jew denuncjat b'reat kriminali, u fejn id-decizjoni tkun iddeterminat li dan l-istess reat ma jissussistix. Ukoll hawn kien ritenut illi ghas-success ta' l-azzjoni ghar-rizarciment ried jinstab illi l-kwerela jew id-denuncja saret "con dolo o almeno colpa aquiliana". Ara "Reynaud -vs- Zammit", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Dicembru, 1869, "Terreni -vs- Rapinett", Appell Civili, 2 ta' Jannar, 1874 u "Barbara -vs- Cordina", Appell Civili, 17 ta' Frar, 1928, fost hafna ohrajn.*»

[61] Fiha inghad hekk: "*Kif inghad qabel, sabiex l-atturi appellanti jirnexxilhom fl-azzjoni odjerna, kien mehtieg li jippruvaw it-temerarjetà tal-pretensjoni tal-konvenuti f'dik il-kawza l-ohra.*"

[62] Kien dmir ta' min qed jallega certu fatti (i.e., il-parti attrici) li jforni materjal probatorju f'forma konkreta sabiex il-mizien tal-probabbilità ixaqleb lejn l-allegazzjoni promossa minnu u lil hinn mir-rifjut kif sostnut mill-parti konvenuta. Hekk kif inghad *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (Euopean Small Claims Tribunal, 21 ta' Marzu, 2018), «*the plaintiff must prove his claim on 'preponderance of the evidence', also known as 'balance of probabilities'. This standard is met if the proposition is more likely to be true rather than not true. The standard is satisfied if there is greater chance that the proposition submitted by a party (and backed-up by sound evidence) is true rather than false. Lord Denning J., in the case of «Miller v. Minister of Pensions» ([1947] 2 All ER 372), described it simply as "more probable than not." Also interesting is the assertion by Lord Hoffman J. In the case of «Re B» ([2008] UKHL 35) wherein there was stated thus: "If a legal rule requires a fact to be proved (a 'fact in issue'), a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for a finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carries the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened." From the Tribunal's viewpoint, it is rather like a pair of scales – to win the case one needs to tip them a little bit past level. Therefore, if a judge reaches the conclusion that it is fifty per cent (50%) likely that the plaintiff is in the right, the plaintiff will have his case rejected or dismissed. On the other hands, if the judge reaches the conclusion that it is fifty one per cent (51%), or more, likely that the plaintiff is in the right, then the plaintiff will win the case. In the present case, it is the plaintiff who is 'burdened' to prove his allegations against the defendant company.*» B'zieda ma' dan, u hekk kif jghid l-awtur **DOMENICO CARPONI SCHITTAR** ("Esame e Controesame", Giuffrè 2012; p. 19) dwar l-iskarikar ta' l-oneru probatorju, "*vince chi è in gardo di fornire una prova che ci si contenta risulti dotata di un maggior grado percentuale di probabilità.*"

tribunal addett fil-kamp civili, anke bl-uzu tal-kriterju l-aktar baxx tal-probabilità, irid dejjem ikun sodisfatt minn ness prossimu u immedjat bejn kawza u effett u r-rabta ta’ kondotta ma’ event biex ikun jista’ legittimament jakkolla l-htija f’min hu msejjah biex iwiegeb ghad-danni. Dan, apparti imbaghad, il-principju tal-piz tal-provi a norma ta’ l-Art. 562 tal-Kodici ta’ Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) li wkoll jezigi bilanc serju ta’ probabilità, valutabbli mill-gudikant ghall-konvinciment prudenzjali tieghu, u li, fil-verifika ta’ stat ta’ incertezza jew anke ta’ dubju ragonevoli jikkonduci ghal dak tal-principju l-iehor illi jghid li “actore non probante, reus absolvitur”.

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tal-konvenuti ai termini ta’ l-Art. 2149(c) tal-Kodici Civili, qed jilqa’ it-tieni eccezzjoni ta’ l-istess konvenuti u konsegwentement jichad it-talba attrici.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma’ dawn il-proceduri, fic-cirkostanzi, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*